MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 882/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Meshri Abdulsalam**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sebgha u erbghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm547.59) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 7697 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2002 u Settembru, 2002;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet legali sad-**

**data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-21 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u erbghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm547.59) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------